Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 229/2012

**Schembri Barbros Limited (C – 9577)(soċjeta' appellata)**

**vs**

**Kevin Attard (K.I. 468879M) f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' "V.K. Construction Limited (C – 36787) (soċjeta' appellanti)**

28 ta' Frar, 2017

Is-soċjeta konvenuta appellat mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' April, 2015, li lliberat lil Kevin Attard personalment mill-osservanza tal-ġudizzju u kkundannat lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' €7,741.78. Fis-sentenza l-ewwel qorti mmotivat id-deċiżjoni fil-meritu b'dan il-mod:

*"L-intimati, fid-difiża tagħhom, iqajjmu żewġt difiżi prinċipali, ossija dik illi l-intimat personalment ma huwiex il-leġittimu kontradittur filwaqt illi l-ammont ma kien dovut peress illi l-madum ma kienx tal-kwalita pattwita bir-riżultat illi l-intimati soffrew danni.*

*Jirriżulta, mill provi prodotti, illi għalkemm kien l-intimat Kevin Attard li jiġġestixxi x-xiri kollu tal-madum, tali xiri sar kollu mis-soċjeta intimata V K Construction Limited u di fatti, kemm l-istatements kif ukoll iċ-ċekkijiet esebiti mis-soċjeta rikorrenti juru illi r-relazzjoni ġuridika tagħhom kienet mas-soċjeta V K Construction Limited.*

*Għalhekk l-eċċezzjoni preliminari jistħoqqilha illi tiġi milqugħa.*

*Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi għalkemm is-soċjeta intimata tgħid illi hija soffriet danni minħabba fis-soċjeta rikorrenti, hija saħqet illi tali danni kienu dovuti għal fatt illi l-madum ma kienx tal-kwalita' pattwita.*

*Jirrizulta illi huwa minnu illi s-soċjeta intimata setgħet soffriet penali ma' sid il-fond fejn kienet qed tagħmel ix-xogħlijliet, ossija Walter Cutajar, u dana peress illi jidher li kien hemm penali ta' €10,000 f'każ illi x-xogħol ma jitlestiex sa' l-4 ta' Jannar 2012.*

*Jirriżulta ukoll, madanakollu, illi kemm min qiegħed il-madum, ossija Kevin Zammit, kif ukoll il-pesuna lill min tqiegħdlu l-madum, ossija Walter Cutajar, it-tnejn insistew illi ma kien hemm ebda ilment dwar il-kwalita'*

*tal-madum u it-tqiegħed tiegħu - l-unika ilment illi kellu Walter Cutajar kien illi s-soċjeta intimata ma kienetx lestiet ix-xogħol fiż-żmien stabbilit u għalhekk kienet kissret il-ftehim miegħu.*

*Jirriżulta, għalhekk, illi kwalsiasi dannu illi setgħet inkorriet is-soċjeta intimata, ma kienx dovut għall-kwalita' tal-madum pprovdut mis-soċjeta rikorrenti, iżda għal fatt illi x-xogħol ma tlestiex fil-ħin, liema fatt, mil-provi, jirriżulta dovut għall-fatt illi l-istess soċjeta intimata kienet naqqset milli tagħmel il-pagamenti għall merkanzija ġia lilha kkonsenjata mis-soċjeta rikorrenti u l-istess soċjeta rikorrenti kienet qed tinsisti, kif kellha kull dritt illi tagħmel, li qabel ma jingħadda konsenja oħra ta' madum, il-pendenzi dovuti lilha kellhom jitħallsu.*

*Jirriżulta għalhekk l-aktar mod ċar illi s-soċjeta rikorrenti ma taħti assolutament xejn għall kwalsiasi penali, jekk attwalment tħallset, illi s-soċjeta intimata inkorriet.*

*Konklużjoni*

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha mressqa quddiemha u rat id-dokumentazzjoni esebita.*

*Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet*

*Tgħaddi biex taqta u tiddeċiedi l-każ billi*

*Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati u tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill Kevin Attard personalment u*

*Tiċħad il-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta intimata, u għalhekk*

*Tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas lis-soċeta rikorrenti is-somma ta' sebgħat elef, sebgħa mija u wieħed u erbgħin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€7,741.78) rappresentanti madum u irħam mibjugħ u kkonsenjat lilha.*

*Spejjeż u imgħax kif mitluba fl-avviż għandhom ikunu kollha a kariku tas-soċjeta V K Construction Limited."*

Is-soċjeta appellanti appellat mis-sentenza. L-aggravji huma dwar:

1. Apprezzament ħazin tal-provi tal-ewwel Qorti fejn irriżulta nuqqas ta' konsenja ta' madum tempestivament, li timmerita li tintlaqa' it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' appellanta. Qalet ukoll li l-aħħar konsenja ma saritx mill-ewwel stante li l-istess l-attriċi riedet li l-ewwel titħallas il-bilanċ li kien dovut fuq il-konsenji ta' qabel – meta fil-fatt jirriżulta li ma setgħetx tagħmel dan għaliex fl-*invoices* jingħad li, *"If invoice is not paid within 30 days, interest will be charged according to law"*. Għalhekk skont l-artikolu 1391[1] tal-Kodiċi Ċivili, jekk kien hemm terminu għall-ħlas li ma kienx għadu skadut, l-aħħar konsenja ma setgħetx tiġi miżmuma qabel ma jsir il-ħlas.

[1] **1391.** Il-bejjiegħ mhux obbligat jikkunsinna l-ħaġa jekk ix-xerrej ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-bejjiegħ ikun ta lix-xerrej żmien għall-ħlas.

2. Li l-ewwel Qorti ma fehmitx li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet kienu differenti , it-tieni inadempjenza fil-konsenja, bil-konsegwenza ta' danni lis-soċjeta' appellanta (li weħlet penali li ġiet imnaqqsa mill-ħlas dovuta lilha fl-appalt li kellha) waqt li t-tielet kienet fuq konsenja mhux tal-kwalita' pattwita - tant li anki fin-nota' ta' osservazzjonijiet tas-soċjeta' appellata quddiem l-ewwel Qorti, dawn ġew trattati separatament. Hekk it-tieni eċċezzjoni ma ġietx indirizzata mill-ewwel Qorti.

Il-konvenuta wieġbet:

1. Il-konvenuta tatha żewġ cekkijiet għall-ħlas li qiegħed jintalab permezz ta' din il-kawża, li pero ma ssarfux.
2. Illi il-kwistjoni tal-allegati danni ma setgħux ġew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti għaliex ma saritx rikonvenzjoni.
3. Mhux minnu li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta għaliex fl-istess sentenza ddeċidiet li d-danni li setgħet sofriet ma kienx minħabba madum mħux tal-kwalita' patwita, iżda għal tardivita' li jitlesta x-xogħol li kien tort tal-istess konvenuta stante li l-aħħar konsenja ġiet ritardata sakemm isir ħlas li kien għadu dovut.
4. Is-soċjeta' konvenuta ma tistax l-ewwel tħallas b'żewġ *cheques,* iżżomm il-madum, ma tirrejaġixxix fuq l-allegat madum ħażin u ma tieħux il-passi skond il-liġi w wara ma tħallasx (billi ic-*cheques* kif ingħad baqgħu li ma setgħux jissarrfu).
5. Fl-aħħarnett l-attriċi qatt ma kienet parti mil-ftehim bejn il-konvenuta u Walter Cutajar, sid il-villa fejn tpoġġa l-madum.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Is-soċjeta attriċi ħarrket lill-konvenuti għas-somma ta' €7,741.78, bilanċ fir-rigward ta' bejgħ u konsenji tal-madum li kellha appalt, fost xogħlijiet oħra, għat-tqegħid ta' madum fid-dar ta' ċertu Walter Cutajar. Il-konvenuta ssostni li l-attrici ttardjat il-konsenja, u dan wassal sabiex il-konvenuta weħlet penali ta' għaxart elef ewro (€10,000) li ġiet imposta skont ftehim li kellha ma' Cutajar.

L-aggravju jitratta dwar l-allegat konsenja tardiva tal-madum li nxtara mingħand l-attriċi. It-tieni eċċezzjoni kienet taqra hekk:

*"2. Illi bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li s-soċjeta attriċi m'għandhiex il-jedd li teżiġi l-ħlas pretiż minnha, in kwantu hija* ***kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha li tikkonsenja l-oġġetti mibjugħa lis-soċjeta eċċipjenti skont il-kwalita' mwiegħda****, bil-konsegwenza li s-soċjeta eċċipjenti sofriet danni, kif se jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża"*.

Għalkemm il-konvenuta ssostni li l-ewwel qorti ma fehmitx din l-eċċezzjoni u li kkunsidrata bħala l-istess għat-tielet eċċezzjoni, bit-tieni eċċezzjoni l-konvenuta ma kinitx qegħda tgħid li l-attriċi kienet inadempjenti minħabba li kkonsenjat il-madum tard. L-ilment hu ta' inadempjenza ta' konsenja ta' oġġetti *"(....) skont il-kwalita' mwiegħda"*, u mhux inadempjenza minħabba morożita. Mis-sentenza hu evidenti li l-ewwel qorti ġustament qieset, li t-tieni u tielet eċċezzjoni kienu l-istess ilment. Tant hu hekk li qalet:

*"L-intimati, fid-difiża tagħhom, iqajjmu żewġ difiżi prinċipali, ossija dik illi l-intimat personalment ma huwiex il-leġittimu kontradittur filwaqt illi l-ammont ma kienx dovut peress illi l-madum ma kienx tal-kwalita pattwita bir-riżultat illi l-intimati sofrew danni"*.

Kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-konvenuti spjegaw li t-tieni eċċezzjoni hi bażata fuq il-fatt li l-attriċi, *"(.....) kkonsenjat il-materjal ordnat mill-konvenut nomine tardivament, bil-konsegwenza li l-konvenut nomina inkorra f'danni għaliex ma lestiex l-appalt li dwaru ġie ordnat dak il-materjal fiż-żmien stipulat mal-kommittent tiegħu"*.

Madankollu, il-qorti tosserva:

i. Mhemmx prova li l-konvenuta kienet infurmat lill-attriċi bil-ftehim li ffirmat ma' Cutajar fil-15 ta' Diċembru, 2011. Anzi Kevin Attard xehed, *".... ma nahsibx illi kont infurmajt lis-soċjeta Schembri Barbros illi kont intrabat bi żmien"* (fol. 73).

ii. Mhemmx prova li meta l-konvenuta rċeviet l-aħħar konsenja, kienet għarrfitha li mhux ser tħallasha. Anzi jirriżulta li **wara** li saru l-aħħar konsenji, li skont Anton Schembri saru fl-10 u 11 ta' Jannar 2012, il-konvenuta tatha żewġ ċekkijiet li kienu jkopru l-bilanċ li kien għad fadal x'jitħallas. Fatt li fih innifsu jagħti lill-qorti x'tifhem

li l-konvenuta ma kellhiex ilment fir-rigward tad-data tal-konsenja tal-madum. Li kieku kien hemm kontestazzjoni ma kinitx ser tatiha ċ-ċekkijiet meta kien hemm l-iskrittura li saret bejn Walter Cutajar u Kevin Attard. Wieħed irid jiftakar li skont ma xehed Anton Schembri dawn iċ-ċekkijiet ingħataw wara li saret l-aħħar konsenja.

iii. M'hemmx prova li l-attriċi kienet intrabtet b'xi data entro liema kellha tikkonsenja l-madum.

iv. Il-konvenuta ssostni li kienet qegħda tingħata perjodu ta' tletin (30) jum sabiex tħallas, u li dan jirriżulta mill-kontijiet fejn hemm stampat il-kliem: *"If invoice is not paid within 30 days, interest will be charged according to law"*. L-aħħar żewġ konsenji kienu għall-prezz ta' €2,383.58. Dakinhar kien hemm arretrati dovuti lill-attriċi fis-somma ta' €12,858.20 (ara Dok. AS1 a fol. 14). Jirriżulta li s-soċjeta appellanti ħadet il-posizzjoni li qabel isir pagament ma kinitx ser tikkonsenja l-madum li kien għad fadal. Jidher li l-konvenuta aċċettat mingħajr protesta, tant li fl-10 ta' Jannar 2012 għamlet pagament ta' €7,500. Il-konvenuta ma tistax issa tilmenta minn sitwazzjoni li hi stess aċċettat.

v. Meta xehed Kevin Attard, l-ilment tiegħu kien li: *"It-tieni konsenja iżda damet biex tiġi u nfatti l-klijent eventwalment rabatni b'karta sabiex inlesti x-xogħol fi żmien partikolari"*. Kompla jgħid li l-iskrittura a fol. 63 kienet iffirmata *"(....) wara illi l-madum kien dam biex jiġi t-tieni darba"*. Jekk allura kif qal Attard dan kien każ ta' konsenja li damet biex tiġi, il-qorti ma tistax tifhem kif iffirma l-iskrittura eżibita a fol. 63 meta ma kellu l-ebda kontroll fir-rigward tad-data tal-konsenja. Għalhekk jekk verament tnaqqset is-somma ta' €10,000 mill-ħlas li l-konvenuta kellha tirċievi mingħand Cutajar, dan kien b'riżultat tal-aġir ta' Kevin Attard li ffirma skrittura li ma kellu l-ebda obbligu li jiffirma.

vi. Kevin Attard semma wkoll li kien intalab iħallas tal-aħħar konsenja li kienet għadha ma ġietx. Dan mhux verosimili, peress li mir-rendikont jirriżulta li meta saret il-konsenja tal-10 ta' Jannar 2012 kien hemm arretrati ta' €12,858.20 u dakinhar

stess tħallset is-somma ta' €7,500. Madankollu l-konvenuta xorta ngħatat il-konsenja ta' madum. Inoltre, meta Kevin Attard xehed qatt ma semma li kien hemm kwistjoni mal-attriċi minħabba li riditu jħallas arretrati qabel isiru l-aħħar żewġ konsenji. Fil-fatt lanqas m'hemm prova li qabel sar il-ħlas ta' €7,500 fl-10 ta' Jannar 2012, kien ipprotesta mal-attriċi li f'dak l-istadju ma kien dovut ebda ħlas.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju tal-appellanti m'għandux bażi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.